

# Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer

Pjan b'firxa wiesgħa li qed jiffaċċja futur inċert



QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI

# Werrej

Paragrafu

## 01 - 17 | **Messaġġi prinċipali**

01 - 08 | Għalfejn huwa importanti dan il-qasam?

09 - 17 | X'sibna u x'nirrakkomandaw

## 18 - 56 | **Ħarsa aktar mill-qrib lejn l-osservazzjonijiet tagħna**

18 - 29 | Fasla tal-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer — b'kamp ta' applikazzjoni wiesa', iżda l-finanzjament ta' wara l-2027 huwa inċert

30 - 38 | Inizjattivi ewlenin immedija kif ippjanat, iżda hemm xi duplikazzjoni tal-isforzi u tħassib dwar is-sostenibbiltà

39 - 50 | Minkejja l-azzjoni li ħadet l-UE, għad hemm inugwaljanzi tal-kanċer

51 - 56 | Il-progress ġie segwit, iżda ma hemm l-ebda qafas tal-Kummissjoni biex jiġi vvalutat l-impatt tal-inizjattivi ffinanzjati

## Annessi

Annex I – Dwar l-adwitu

Annex II – Lista sħiħa tal-azzjonijiet tal-EBCP

## Abbrevjazzjonijiet

## Glossarju

**Risposti tal-Kummissjoni**

**Kronoloġija**

**Tim tal-awditjar**

# Messaġġi prinċipali

## Għalfejn huwa importanti dan il-qasam?

- 01** Il-kanċer huwa t-tieni kawża ewlenija tal-mewt fl-Unjoni Ewropea, fejn huwa responsabbli għal kważi 1.1 miljun mewta kull sena<sup>1</sup>. Wieħed minn kull żewġ ċittadini tal-UE se jiġi dijanjostikat bil-kanċer matul ھاjtu, u l-għadd ta' każijiet ġodda ta' kanċer huwa mistenni li jkompli jżdid minħabba l-popolazzjoni li qed tixjieħ tal-Ewropa u l-fatturi ta' riskju relatati mal-istil ta' ھاjja<sup>2</sup>.
- 02** L-impatt tal-kanċer jestendi lil hinn mill-individwi u l-familji: ipoġġi piż sinifikanti fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa, is-swieq tax-xogħol u l-ekonomiji. L-impatt ekonomiku totali tal-kanċer fl-UE huwa stmat li huwa ta' aktar minn EUR 100 000 000 000 fis-sena<sup>3</sup>.
- 03** Biex tgħin ھاlli tiġi indirizzata din l-isfida dejjem tikber, fl-2021 il-Kummissjoni nediet il-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer (EBCP), li l-għan tiegħu huwa li jnaqqas il-piż tal-kanċer għall-pazjenti, għall-familji tagħhom u għas-sistemi tas-saħħa. B'baġit inizjali ta' EUR 4 biljun mill-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2021–2027, l-EBCP jieħu approċċ komprensiv biex jindirizza l-erba' stadji ewlenin tul il-perkors tal-marda: il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni bikrija, il-kura u t-trattament tal-kanċer, u l-kwalità tal-ھاjja għall-pazjenti u s-superstiti.

---

<sup>1</sup> L-Eurostat, [Cancer statistics](#).


<sup>2</sup> In-Network Ewropew tar-Reġistri tal-Kanċer, [Cancer burden in Europe: estimates 2022 and up to 2040](#).

<sup>3</sup> SWD(2021) 13 tat-3 ta' Frar 2021.

- 04** L-EBCP huwa strutturat madwar 42 azzjoni, li 10 minnhom huma mmarkati bħala inizjattivi ewlenin. Minbarra l-erba' oqsma ta' azzjoni ewlenin, hemm ukoll rabtiet ma' tliet temi trażversali (teknoloġiji ġodda, inugwaljanzi tal-kanċer, kanċer fit-tfulija). L-azzjonijiet huma mifruxa fuq diversi oqsma ta' politika, bħall-ambjent u l-inklużjoni soċjali, u jippromwovu r-riċerka u l-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, il-kondiviżjoni tad-*data* u s-sinerġiji ma' politiki oħra tal-UE u politiki nazzjonali. Taħt kull azzjoni, il-Kummissjoni toffri finanzjament għal proġetti, li jistgħu jiġu proposti u implimentati minn firxa wiesgħa ta' korpi pubbliċi u privati, inklużi istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u istituzzjonijiet akkademiċi.
- 05** L-oġġettiv ta' dan l-awditu kien li jivvaluta l-effettività tal-EBCP bħala rispons tal-UE kollha fil-ġlieda kontra l-kanċer. B'mod speċifiku, aħna eżaminajna l-fasla tal-EBCP, kif qed jiġu implimentati l-10 inizjattivi ewlenin u proġetti relatati, u jekk dawn jidhrux li huma sostenibbli. Hārisna wkoll lejn l-arranġamenti ta' monitoraġġ li l-Kummissjoni tuża. Billi r-riżultati tal-EBCP se jimmaterjalizzaw fuq żmien twil, il-konklużjonijiet tagħna jiffukaw fuq il-progress fl-implimentazzjoni u l-kundizzjonijiet għall-effettività futura, aktar milli fuq l-impatt. Fokus speċjali ta' dan l-awditu kien fuq it-tnaqqis tal-inugwaljanzi tal-kanċer bejn l-Istati Membri u fi hđandhom; madankollu, il-progress f'dan il-qasam jiddependi wkoll minn fatturi li ma jaqgħux taħt l-influwenza diretta tal-EBCP.

**06** Għall-valutazzjoni li wettaqna, ksibna evidenza minn firxa ta' sorsi, kif jidher fil-**Figura 1**.

**Figura 1 | Approċċ tal-awditjar**



Sors: il-QEA.

**07** Għażilna dan is-suġġett tal-awditjar minħabba li l-kanċer huwa ta' tħassib kbir għas-saħħa pubblika fl-UE. L-isfidi tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni bikrija u l-għoti ta' kura tal-kanċer ta' kwalità tajba jvarjaw bejn l-Istati Membri. Il-kanċer għandu impatt enormi fuq is-sistemi tas-saħħa tal-Istati Membri, l-ekonomija tal-UE u s-soċjetà kollha kemm hi.

**08** Nistennew li xogħolna jipprovdi informazzjoni lill-Kummissjoni dwar l-effettività tal-azzjonijiet tal-EBCP sa tmiem l-2024. Aħna nenasfazzaw ukoll modi li bihom l-EBCP għandu mnejn jilħaq aħjar l-oġġettivi tiegħu, filwaqt li niddeskrivu fil-qosor il-prattiki tajba iżda wkoll id-dgħufijiet fl-implimentazzjoni. L-osservazzjonijiet tagħna jistgħu jgħinu lill-Kummissjoni ttejjeb il-fokus strateġiku tagħha u ssaħħaħ il-koerenza u l-impatt tal-azzjoni tal-UE kontra l-kanċer, inkluż fil-kuntest tat-tnejjijiet għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss. Għal aktar informazzjoni ġenerali, u dettalji dwar l-ambitu u l-approċċ tal-awditjar, ara l-[Anness I](#).

## X'sibna u x'nirrakkomandaw

**09** Aħna sibna li l-EBCP qed jikkontribwixxi għall-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-isforzi tal-Istati Membri fil-għieda kontra l-kanċer. Madankollu, l-effettività tiegħu tirriskja li tiġi kompromessa minħabba n-nuqqas ta' qafas ta' monitoraġġ, sostenibbiltà inċerta u prospettiva mhux ċara wara l-2027.

**10** Fir-rigward tal-**fasla** tal-EBCP, aħna sibna li hija bniet fuq inizjattivi Ewropej preċedenti dwar il-kanċer u espandiet fuq il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Għalkemm ma kien hemm l-ebda valutazzjoni tal-impatt minn qabel, saret konsultazzjoni estensiva mal-partijiet ikkonċernati. L-EBCP ippropona oġġettivi ġeneriċi għall-oqsma ta' azzjoni ewlenin u t-temi trażversali kollha, iżda suboġġettivi aktar speċifiċi għal xi wħud minnhom biss (il-paragrafi [20–23](#)).

**11** Ġew identifikati azzjonijiet għall-implimentazzjoni fi ħdan perjodu speċifiku, xi wħud minnhom enfasizzati bħala inizjattivi ewlenin. L-EBCP kellu baġit inizjali ta' EUR 4 biljun, iżda ma ġiex speċifikat kif dan l-ammont kellu jitqassam bejn l-oġġettivi u l-azzjonijiet. Il-baġit tal-programm l-UE għas-Saħħa għall-perjodu 2025–2027 tnaqqas b'EUR 1 000 000 000 wara r-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021–2027 (baġit għal żmien twil). Mhuwiex ċar x'se jkun l-impatt fuq l-implimentazzjoni ulterjuri tal-EBCP. Lanqas mhuwa ċar kif l-EBCP se jiġi ffinanzjat taħt il-qafas finanzjarju pluriennali propost li jmiss tal-UE, li ma jsemmihx speċifikament. Sa Ottubru 2025, kienu ġew impenjati aktar minn EUR 2.7 biljun mill-baġit inizjali ta' EUR 4 biljun (il-paragrafi [24–26](#)).

**12** Aħna sibna li l-EBCP fih miri li jistgħu jitkejlu għal ftit suboġġettivi biss, fi tliet oqsma (il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni bikrija, il-kura). L-azzjonijiet u l-miri jkopru meded ta' żmien differenti u jaf jestendu lil hinn mill-2027, li hija l-aħħar sena tal-qafas finanzjarju pluriennali attwali. Għalhekk mhuwiex ċar meta se jiġu vvalutati ħafna azzjonijiet u oġġettivi (il-paragrafi [27–29](#)).

- 13** Fir-rigward tal-**implimentazzjoni**, l-EBCP wassal għall-ħolqien ta' għadd kbir ta' inizjattivi, pjattaformi, portals u networks għall-UE kollha. Il-proġetti li rrieżaminajna għandhom potenzjal ta' valur miżjud, iżda bejn proġetti simili sibna karatteristiċi li potenzjalment jirkbu fuq xulxin. Minħabba l-volum ta' inizjattivi u l-varjetà ta' strumenti ta' finanzjament, it-trikkib ma jiġix identifikat faċilment (il-paragrafi **32–35**).
- 14** Aħna sibna eżempji ta' proġetti li, għalkemm utli, ma ġewx adottati mill-Istati Membri u għalhekk ma setgħux jipproduċu riżultati sostenibbli. Dwar il-kwistjoni tas-**sostenibbiltà**, filwaqt li xi inizjattivi ewlenin iffinanzjati mill-UE kienu mfassla biex jibqgħu għal żmien twil, il-kontinwità u s-suċċess dejjiemi ta' oħrajn se jiddependu minn segwitu u finanzjament nazzjonali inċerti (il-paragrafi **36–38**).



### Rakkomandazzjoni 1

#### Jitfasslu inizjattivi ewlenin speċifikament għall-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-Istati Membri

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- (a) tidentifika u tivvaluta trikkib potenzjali bejn il-proġetti ffinanzjati fi ħdan il-qafas tal-Pjan tal-Ewropa biex jingħeleb il-Kanċer, u tidentifika u tippromwovi sinerġiji futuri;
- (b) taħdem mal-Istati Membri biex tidentifika modi kif il-proġetti żgur ikunu sostenibbli;
- (c) bl-użu tar-riżultati miksuba permezz tal-inizjattivi ewlenin, tagħti prijorità lil sett ewlieni ta' inizjattivi fl-UE kollha li jistgħu jkunu mistennija li jimmassimizzaw l-impatt u jindirizzaw aħjar l-inugwaljanzi.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2027**

- 15** Il-Kummissjoni timmonitorja l-inugwaljanzi tal-kanċer permezz tar-Reġistru Ewropew tal-Inugwaljanzi b'rabta mal-Kanċer, li jwettaq parametraġġ referenzjarju tal-Istati Membri bi tqabbil ma' xulxin u jista' jinċentiva inizjattivi nazzjonali ġodda billi jenfasizza l-inugwaljanzi fi ħdan l-Istati Membri jew bejniethom. Ir-Reġistru jipprovdi *data* li tista' tintuża biex jiġu identifikati d-disparitajiet nazzjonali, iżda dan biss għat-tipi ta' kanċer l-aktar komuni. Minkejja xi progress fl-indirizzar tal-inugwaljanzi nazzjonali, għalhekk, dawn jippersistu għar-rati tat-tilqim kontra l-papillomavirus uman (HPV) u r-rati tal-iskrinjar tal-kanċer tas-sider, pereżempju. Ir-Reġistru għandu wkoll xi diskrepanzi fid-*data* dwar disparitajiet reġjonali li bl-istess mod jillimitaw l-utilità tiegħu (il-paragrafi **42–50**).

- 16** Rigward il-**monitoraġġ**, aħna sibna li l-Kummissjoni tuża “pjan direzzjonali ta’ implimentazzjoni”, li huwa disponibbli għall-pubbliku u jiġi aġġornat darba fis-sena, biex iżżomm kont tal-istadji importanti dettaljati u r-riżultati tanġibbli ewlenin għall-azzjonijiet kollha tal-EBCP sal-2025. Ir-rieżami ta’ nofs it-terminu li l-Kummissjoni wettqet fi Frar 2025 żied it-trasparenza dwar il-progress tal-EBCP (il-paragrafi [53–54](#)).
- 17** Bħalissa, madankollu, il-Kummissjoni ma għandha l-ebda arranġament biex tivvaluta l-kisbiet tal-EBCP. Peress li l-impatt ta’ kwalunkwe inizjattiva tal-UE dwar il-kanċer se jkun viżibbli biss fuq żmien twil, mhuwiex ċar meta l-aħjar li ssir evalwazzjoni tal-EBCP (il-paragrafi [55–56](#)).



## Rakkomandazzjoni 2

### Jissaħħu l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- (a) tistabbilixxi qafas ta’ monitoraġġ, li jinkludi indikaturi tal-output, tar-riżultati u, meta jkun fattibbli, tal-impatt għall-azzjonijiet u l-oġettivi kollha, sabiex tkun tista’ tivvaluta l-progress u l-impatt tal-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer fl-Istati Membri kollha;
- (b) tuża dan il-qafas biex tevalwa r-riżultati, ir-rilevanza u l-kontribut ta’ dawn l-azzjonijiet, inkluż għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi fl-Istati Membri u bejniethom.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni:**

- (a) 2027 għall-qafas ta’ monitoraġġ; (b) 2030 għall-evalwazzjoni.**

# Ħarsa aktar mill-qrib lejn l-osservazzjonijiet tagħna

## Fasla tal-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer — b'kamp ta' applikazzjoni wiesa', iżda l-finanzjament ta' wara l-2027 huwa inċert

**18** Ivalutajna l-fasla tal-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer (EBCP). Aħna stennejna li l-Kummissjoni tkun:

- bniet fuq strateġiji preċedenti dwar il-kanċer u qed taħdem mill-qrib mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati;
- stabbiliet objettivi u miri rilevanti u li jistgħu jitkejlu;
- identifikat azzjonijiet li permezz tagħhom tikseb dawk l-objettivi, tkun stabbiliet dati ta' skadenza ċari, u tkun impenjat il-finanzjament meħtieġ.

**19** Il-valutazzjoni li wettaqna kienet ibbażata fuq analiżi mhux fuq il-post tal-EBCP u fuq dokumenti ta' sostenn, inklużi pjanijiet Ewropej preċedenti dwar il-kanċer li jmorru lura sa tmiem is-snin tmenin. Intervistajna wkoll membri tal-persunal fil-Kummissjoni, kif ukoll awtoritajiet nazzjonali, beneficijarji tal-proġetti u partijiet ikkonċernati matul iż-żjarat ta' informazzjoni li wettaqna fil-Finlandja u r-Rumanija.

**20** Aħna sibna li l-EBCP bena fuq pjanijiet Ewropej preċedenti dwar il-kanċer (il-**Kaxxa 1**) iżda żied mal-kamp ta' applikazzjoni tagħhom (it-**Tabella 1** fl-**Anness I**). Huwa jindirizza l-perkors kollu tal-marda billi jipproponi azzjonijiet fl-oqsma ewlenin kollha — il-prevenzjoni, id-dijanjożi, it-trattament, u l-ħajja bħala superstiti tal-kanċer. Il-pjan jiffoka wkoll fuq tliet temi trażversali — ir-riċerka, l-innovazzjoni u teknoloġiji ġodda; l-inugwaljanzi tal-kanċer; u l-kanċer fit-tfulija. Aspetti ġodda huma li hemm fokus fuq il-kwalità tal-ħajja tas-superstiti tal-kanċer, u attenzjoni akbar għall-inugwaljanzi tal-kanċer u l-kanċer fit-tfulija. Il-pjan jintegra wkoll azzjonijiet dwar it-tikkettar tal-alkoħol u t-tikkettar dwar in-nutrizzjoni, inklużi proposti dwar it-tikkettar tax-xorb alkoħoliku u l-informazzjoni dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett (l-**Anness II**, l-azzjonijiet 7(2) u 8(2)), oqsma li preċedentement ġew ivvalutati fir-**rapport speċjali tagħna tal-2024 dwar it-tikkettar tal-ikel**.

## Kaxxa 1

### Eżempji ta' elementi li ttieħdu minn pjanijiet Ewropej preċedenti dwar il-kanċer

Il-pjan ta' azzjoni għall-perjodu 1987–1989 ippropona aktar riċerka biex tiġi ċċarata r-rabta possibbli bejn il-papillomavirus u l-kanċer u, fuq żmien twil, biex jiġu żviluppati l-vaċċini. Għoxrin sena wara, il-pjan ta' azzjoni għall-perjodu 2009–2013 ippropona li jsir sħarriġ tar-rakkomandazzjonijiet kollha li kienu saru fl-UE dwar l-implimentazzjoni tat-tilqim kontra l-papillomavirus uman (HPV). L-EBCP jimmira li jitlaqqmu minn tal-inqas 90 % tal-bniet fl-UE, u żieda sinifikanti fil-perċentwal tas-subien, sal-2030 (it-**Tabella 1**).

Il-pjan ta' azzjoni għall-perjodu 1987–1989 ippromwova l-iskrinjar sistematiku għad-dijanjożi bikrija tal-kanċer tas-sider u l-kanċer ċervikali. Il-pjan għall-perjodu 1990–1994 estenda l-programmi pilota għall-iskrinjar tal-kanċer tas-sider, b'monitoraġġ, biex jgħin lill-Istati Membri jiddeterminaw politika ġenerali ta' skrinjar. Il-pjan għall-perjodu 2009–2013 kien immirat lejn skrinjar 100 % tal-gruppi f'riskju ta' kanċer tas-sider, ċervikali u kolorettali sal-2013. Il-mira tal-EBCP hija li jara li l-iskrinjar tas-sider, ċervikali u kolorettali żgur ikun disponibbli fl-2025 għal 90 % tal-popolazzjoni eliġibbli tal-UE (it-**Tabella 1**).


Sors: il-programm “L-Ewropa kontra l-kanċer”: il-pjan ta' azzjoni 1987–1989; il-programm l-“Ewropa kontra l-kanċer”: il-pjan ta' azzjoni 1990–1994; is-Sħubija Ewropea għall-Azzjoni Kontra l-Kanċer 2009–2013; il-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer 2021.

- 21** Ma kien saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt speċifika qabel l-EBCP. Madankollu sibna li ġew ikkonsultati l-partijiet ikkonċernati kollha: l-awtoritajiet nazzjonali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, il-pubbliku ġenerali, il-kumpaniji u l-assoċjazzjonijiet tan-negozju, l-organizzazzjonijiet tal-pazjenti, l-assoċjazzjonijiet tal-professjonisti tas-saħħa, il-komunità xjentifika u l-assoċjazzjonijiet tal-esperti, il-komunità tas-saħħa pubblika, l-industrija tal-kura tas-saħħa, u l-aġenziji internazzjonali. Il-ħafna stadji tal-konsultazzjoni kienu jinkludu feedback u kwestjonarji pubbliċi online, laqgħat mal-partijiet ikkonċernati u stħarriġiet tal-awtoritajiet tal-Istati Membri.
- 22** Sibna li l-EBCP serva bħala skattatur għal bidla fil-politika f'diversi Stati Membri. Wara li ġie adottat, 4 Stati Membri żviluppaw pjanijiet nazzjonali ġodda dwar il-kanċer, filwaqt li 10 pajjiżi aġġornaw il-pjanijiet li diġà kellhom<sup>4</sup>. Dan juri li l-koordinazzjoni u l-għodod għall-UE kollha taħt l-EBCP jistgħu jkunu katalist għall-azzjoni nazzjonali. Dan ikkonfermawh ukoll il-partijiet ikkonċernati u l-awtoritajiet nazzjonali li żorna. Filwaqt li r-risultati fuq żmien twil se jiddependu mill-adozzjoni fuq livell nazzjonali, hemm evidenza li l-appoġġ mill-UE għen bil-formulazzjoni ta' strateġija nazzjonali u ppromwova fokus tal-politika fuq l-eżiti tal-kanċer.
- 23** L-EBCP fih objettivi u subobjettivi għal kull qasam ewlieni u tema trażversali (il-[Figura 2](#)). Żewġ oqsma (l-identifikazzjoni bikrija u l-kwalità tal-ħajja) u żewġ temi trażversali (l-inugwaljanzi tal-kanċer u l-kanċer fit-tfulija) ma għandhomx subobjettivi, għalhekk jibqgħu fformulati b'mod aktar ġeneriku mill-oqsma u t-temi l-oħra.

---

<sup>4</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, [Study on mapping and evaluating the implementation of the Europe's Beating Cancer Plan \(2025\)](#), p. 7.

**Figura 2 |** Objettivi u subobjettivi tal-EBCP




Sors: il-QEA, abbażi tal-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer.

**24** Għal kull objettiv, l-EBCP jelenka l-azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati fi ħdan perjodu speċifiku (*l-Anness II*). Minn total ta' 42 azzjoni, 10 huma identifikati bħala inizjattivi ewlenin. Il-Kummissjoni għażlet l-azzjonijiet kollha, inklużi l-inizjattivi ewlenin, permezz ta' proċess regolari ta' konsultazzjoni interna, u ħadet ukoll kont tal-feedback mingħand il-partijiet ikkonċernati u l-Istati Membri (il-paragrafu **21**).

- 25** Għall-finanzjament tal-implimentazzjoni tiegħu, l-EBCP kellu baġit inizjali ta' EUR 4 biljun mingħand il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2021–2027 (il-**Figura 3**). Madankollu, il-Kummissjoni ma speċifikatx kif dan l-ammont kellu jitqassam fost is-7 objettivi u t-42 azzjoni. Il-Kummissjoni spjegat li, għal raġunijiet ta' kumplessità (bosta azzjonijiet iffinanzjati minn firxa ta' sorsi tal-UE taħt modi ta' ġestjoni differenti), il-baġits indikattivi biss setgħu jiġu kkalkulati fl-istadju tat-tfassil. F'Ottubru 2025, kienu ġew impenjati aktar minn EUR 2.7 biljun.

**Figura 3 | Baġit tal-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, għall-perjodu 2021–2027 (f'biljun EUR)**




Sors: il-QEA, abbażi tal-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, it-Taqsima 9.

- 26** Wara li twettaq ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021–2027 fi Frar 2024, il-baġit ġenerali tal-programm l-UE għas-Saħħa għall-perjodu 2025–2027 tnaqqas b'aktar minn 35 %<sup>5</sup>, ammont li ntuża biex **jiffinanzja prijoritajiet oħra tal-UE**. Dan kien u għadu jfisser aġġustamenti fil-portafoll kollu tas-saħħa, li jinkludi l-azzjoni dwar il-kanċer. Il-Kummissjoni ma setgħetx tispeċifika liema aspetti tal-EBCP ġew affettwati minn dan it-tnaqqis, jew kif se jaffettwa l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-EBCP. Dawn l-inċertezz jistgħu jimminaw il-kapaċità tal-EBCP li jilħaq l-objettivi tiegħu fil-perjodu propost. Lanqas mhuwa ċar kif l-EBCP se jiġi ffinanzjat taħt il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss, li bħalissa qed jiġi diskuss. Finanzjament addizzjonali ta' appoġġ għall-kanċer jista' jiġi pprovdut ukoll permezz ta' strumenti oħra ta' finanzjament tal-UE, bħall-**Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza** u l-finanzjament fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni, iżda dawn ma jaqgħux taħt l-EBCP.

<sup>5</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, **Review of Europe's Beating Cancer Plan (2025)**, it-Taqsima 2.4.

**27** Minħabba l-kumplessità u n-natura varjata tal-inizjattivi tal-EBCP, ma hemm l-ebda “data tat-tmiem” unika u lanqas skeda ta’ żmien unifikata għall-azzjonijiet kollha. Dawk li huma maħsuba biex iġibu bidliet fl-imġiba fil-popolazzjoni ġenerali jaf jirrikjedu aktar żmien, filwaqt li oħrajn jistgħu jitlestew aktar kmieni. L-aħħar data ta’ skadenza għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-EBCP hija l-2030 (il-*Figura 4*), filwaqt li dik għall-ilħuq tal-miri hija l-2040 (it-*Tabella 1*). Minħabba dawn id-differenzi fil-perjodi, mhuwiex ċar meta se titwettaq il-valutazzjoni tal-objettivi.

**Figura 4 | Inizjattivi ewlenin u stadji importanti ewlenin tal-EBCP**



Sors: il-QEA, abbażi tal-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer.

**28** Hemm miri li jistgħu jitkejlu għal 6 mis-17-il subobjettiv tal-EBCP (it-**Tabella 1**), għalkemm waħda minn dawn il-miri (jiżdied b'mod sinifikanti t-tilqim tas-subien sal-2030) mhijiex ikkwantifikata. Billi l-11-il subobjettiv li jifdal ma għandhomx miri, l-impatt tagħhom ma jistax jiġi vvalutat. L-EBCP fl-ebda każ ma jiddikjara kif għandu jiġi mmonitorjat l-ilfuq tal-miri.

**Tabella 1 | Miri li jistgħu jitkejlu marbuta ma' objettivi speċifiċi u operazzjonali tal-EBCP**

Objettiv jew subobjettiv	Mira
3.1. It-titjib tal-litteriżmu fis-saħħa dwar ir-riskji u d-determinanti tal-kanċer	Jagħmel mill-inqas 80 % tal-popolazzjoni konxja mill-Kodiċi Ewropew kontra l-Kanċer sal-2025.
3.2. Il-kisba ta' Ewropa ħielsa mit-tabakk	Jgħin fil-ħolqien ta' "ġenerazzjoni ħielsa mit-tabakk" fejn inqas minn 5 % tal-popolazzjoni tuża t-tabakk sal-2040, meta mqabbla ma' madwar 25 % tal-lum.  L-għan <i>interim</i> huwa li tintlaħaq il-mira tad-WHO ta' tnaqqis relattiv ta' 30 % fl-użu tat-tabakk sal-2025 meta mqabbel mal-2010, li jikkorrispondi għal prevalenza tat-tipjip ta' madwar 20 % fl-UE.
3.3. It-tnaqqis tal-konsum tal-alkoħol li jagħmel il-ħsara	Jinkiseb tnaqqis relattiv ta' mill-inqas 10 % fl-użu dannuż tal-alkoħol sal-2025.
3.7. Il-prevenzjoni ta' kanċers ikkawżati minn infezzjonijiet	Jitlaqqmu mill-inqas 90 % tal-popolazzjoni fil-mira tal-UE tal-bniet u li jiżdied b'mod sinifikanti t-tilqim tas-subien, sal-2030.
4. It-titjib fl-identifikazzjoni bikrija tal-kanċer	Tgħin lill-Istati Membri jiżguraw li d-90 % tal-popolazzjoni tal-UE li jikkwalifikaw għal skrinjar tal-kanċer tas-sider, ċervikali u kolorettali jiġu offruti skrinjar sal-2025.
5.1. L-għoti ta' kura ta' kwalità oġhla	Jiżgura li sal-2030, 90 % tal-pazjenti eliġibbli jkollhom aċċess għal ċentri nazzjonali komprensivi tal-kanċer f'kull Stat Membru.

Sors: il-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer.

**29** L-EBCP għandu kamp ta' applikazzjoni wiesa', billi jkopri l-perkors kollu tal-marda. Huwa tfassal wara konsultazzjoni estensiva mal-partijiet ikkonċernati. Madankollu, il-biċċa l-kbira mill-obiettivi ma għandhomx miri kwantifikabbli, u l-azzjonijiet u l-miri jkopru meded ta' żmien differenti u jaf jestendu lil hinn mill-2027, li hija l-aħħar sena ta' finanzjament taħt il-qafas finanzjarju pluriennali attwali. Minħabba l-għadd kbir ta' azzjonijiet, hemm aktar diffikultà biex il-pjan jiġi implimentat b'mod koerenti. Għalhekk mhuwiex ċar meta se jiġu vvalutati ċerti azzjonijiet u objettivi. Il-pjanijiet finanzjarji tal-Kummissjoni għall-EBCP wara l-2027 għadhom inċerti.

## **Inizjattivi ewlenin immedija kif ippjanat, iżda hemm xi duplikazzjoni tal-isforzi u tħassib dwar is-sostenibbiltà**

**30** Aħna vvalutajna jekk kampjun ta' proġetti ssodisfax il-ħtiġijiet tal-Istati Membri kif deskritti fil-qosor fl-EBCP. Aħna stennejna li l-Kummissjoni tkun:

- ippromwoviet u għażlet proġetti li, filwaqt li kienu allinjati mal-ħtiġijiet tal-Istati Membri, setgħu jappoġġaw, jikkoordinaw u jikkomplementaw l-isforzi tal-Istati Membri biex jiġġieldu l-kanċer kemm b'mod effettiv kif ukoll b'mod effiċjenti;
- qed taħdem mal-Istati Membri u l-fornituri tal-kura tas-saħħa biex tipprovdi infrastruttura li tista' tintuża fl-UE kollha sabiex tara li l-proġetti tal-EBCP ikunu sostenibbli żgur u tiegħu vantaġġ mir-riżultati anke wara li l-EBCP ikun għe stralċat.

**31** Irrieżaminajna l-implimentazzjoni tal-10 inizjattivi ewlenin biex niddeterminaw jekk kinux qed jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-Istati Membri b'mod effettiv. Żorna l-awtoritajiet fil-Finlandja u fir-Rumanija biex niddiskutu l-ħtiġijiet taż-żewġ pajjiżi fil-ġlieda kontra l-kanċer u r-rwol tal-EBCP. Intervistajna wkoll lill-persunal tal-Kummissjoni, lill-mexxejja tal-proġetti u lil partijiet ikkonċernati oħra li kienu involuti fl-implimentazzjoni. Hejda kampjun ta' 15-il proġett biex: nivvalutaw kemm kienu qed jindirizzaw tajjeb l-obiettivi tal-EBCP, nirreżaminaw il-mudelli ta' governanza tagħhom u nkejlu x'kien qed isir biex jinżammu r-riżultati tagħhom u biex jittieħed vantaġġ minnhom.

**32** L-istadji importanti li ġew stabbiliti għall-inizjattivi ewlenin kienu relatati mat-tnedija ta' pjattaformi, portali u networks. Dawn l-istadji importanti kollha ntlaw, kif skedat, sa tmiem l-2024, u kull inizjattiva issa mxiet 'il quddiem lejn objettivi ulterjuri. Madankollu, [studju](#) tal-2025 mill-Parlament Ewropew sab dewmien f'oqsma oħra bħall-prevenzjoni tal-kanċer, il-litteriżmu fis-saħħa, l-obeziżà fit-tfulija, u l-għodod ta' appoġġ għas-superstiti. Madankollu, sibna li l-għodod li awditjajna għandhom potenzjal ta' valur miżjud, peress li jieħdu vantaġġ mir-riżultati tar-riċerka u jiċċentralizzaw informazzjoni li hija utli għar-riċerkaturi, għall-isptarijiet, għall-pazjenti u għall-persuni li jindukraw. Il-[Kaxxa 2](#) tagħti eżempju wieħed ta' pjattaforma li tipprovdi valur fil-ġlieda kontra l-kanċer.

## Kaxxa 2

### Inizjattiva ewlenija 2 — Inizjattiva Ewropea dwar l-Immaġnijiet tal-Kanċer

L-Inizjattiva Ewropea dwar l-Immaġnijiet tal-Kanċer tipprovdi l-infrastruttura għall-mudelli ta' intelliġenza artifiċjali biex jgħinu fid-dijanjożi tal-kanċer. Hija qed tiġbor flimkien "atlas" ta' immaġnijiet anonimizzati relatati mal-kanċer, u tagħmilhom aċċessibbli għall-isptarijiet, ir-riċerkaturi u l-innovaturi. B'finanzjament mill-UE li jiswa EUR 18-il miljun, għandha l-għan li tinkludi aktar minn **60 000 000 immaġni**, li jkopru tipi ta' kanċer differenti, li ġejjin minn tal-inqas minn 15-il pajjiż, sal-2026.

Il-pjattaforma hija maħsuba biex tiffaċilita l-iżvilupp u l-validazzjoni ta' għodod tal-IA li jistgħu jintużaw biex jappoġġaw u jtejbu d-dijanjożi u t-trattament tal-kanċer. L-objettivi speċifiċi huma biex:

- jittieħed vantaġġ mill-avvanzi u s-suċċessi reċenti tas-sistemi tal-IA fl-għajjnuna mogħtija lill-professjonisti mediċi biex jidentifikaw u jiddijanjozaw il-kanċer;
- jingħata appoġġ lill-pilotaġġ u l-iżvilupp ta' għodod innovattivi megħjuna mill-kompjuter għal preċiżjoni u affidabbiltà akbar fl-immaġnijiet tal-kanċer;
- jintwera kif l-immaġnijiet mediċi jistgħu jsiru aċċessibbli mingħajr ma jitqajjem tħassib dwar l-etika, il-fiduċja, is-sigurtà jew il-protezzjoni tad-*data* personali.

**33** Madankollu, proġetti simili jiġbdu l-attenzjoni fuq ir-riskji ta' trikkib u duplikazzjoni tal-isforzi. Pereżempju, l-**inizjattiva ewlenija 10** — Għajnuna għat-tfal bil-kanċer — wasslet għall-ħolqien ta' żewġ networks għas-superstiti żgħażaġħ:

- **In-Network tal-UE għas-Superstiti Żgħażaġħ tal-Kanċer** (finanzjament mill-UE: EUR 5 miljun), ċentru tal-għarfien u pjattaforma interattiva ta' networking soċjali għas-superstiti żgħażaġħ tal-kanċer, li tiffoka fuq il-kwalità tal-ħajja, il-kura tal-kanċer għall-adolexxenti u l-adulti żgħażaġħ, u l-ugwaljanza, id-diversità u l-inklużjoni;
- **Outdoor Against Cancer Connects Us** (finanzjament mill-UE: EUR 2.5 miljun), network ta' superstiti żgħażaġħ tal-kanċer li jipromwovi stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa, bħal sports fuq barra, eżerċizzju, u ikel tajjeb għas-saħħa.

Il-Kummissjoni issa tinsab fil-proċess li tistabbilixxi network uniku biex tgħaqqad u tissostitwixxi ż-żewġ networks li diġà jeżistu għas-superstiti żgħażaġħ tal-kanċer.

**34** Diversi proġetti ffinanzjati mill-UE qed jiżviluppaw applikazzjonijiet għall-apparati mobbli separati għall-pazjenti bil-kanċer u għall-pubbliku ġenerali. Dawn potenzjalment jaf ikollhom karatteristiċi li jirkbu fuq xulxin (il-**Kaxxa 3**). Filwaqt li kull app għandha fokus kemxejn differenti, kollha jipprovdu għodod diġitali biex jgħinu lill-individwi fl-oqsma tal-prevenzjoni, il-kura u s-sopravivenza għall-kanċer. Il-finanzjament simultanju ta' bosta apps b'għanijiet u gruppi fil-mira simili — iżda mingħajr pjan ċar għall-interazzjoni bejniethom jew għas-sostenibbiltà — jista' jfisser infiq u sforz doppju fuq l-istess oġettivi, li jkun użu ineffiċjenti tal-fondi tal-UE. Jaf jipproduċi wkoll riżultati sknessi minflok ma jibni soluzzjoni waħda kkoordinata li tintuża b'mod aktar wiesa'.

### Kaxxa 3

#### Eżempji ta' apps għall-prevenzjoni tal-kanċer iffinanzjati mill-EBCP

L-għan tal-app **iBeCHANGE** (finanzjament mill-UE ta' EUR 5.7 miljun) huwa li tagħti s-setgħa lill-individwi biex jieħdu ħsieb saħħithom b'mod proattiv. Dan bħala parti minn sforz usa' biex tingħata spinta lill-prevenzjoni u l-kontroll tal-kanċer. Dan tagħmlu billi tippromwovi bidliet sostenibbli fl-imgħiba li jnaqqsu r-riskju li l-individwi jiżviluppaw il-kanċer.

**BUMPER** (finanzjament mill-UE ta' EUR 1.5 miljun) hija app oħra marbuta mal-prevenzjoni tal-kanċer. Hija tippromwovi din il-prevenzjoni billi żżid is-sensibilizzazzjoni dwar il-fatturi ta' riskju tal-kanċer u l-miżuri preventivi approvati mill-Kodiċi Ewropew Kontra l-Kanċer.

Is-sitwazzjoni f'Ottubru 2025 kienet li iBeCHANGE tista' titniżżel iżda ma tistax tintuża, filwaqt li BUMPER għadha fil-fażi pilota, u għalhekk ma tistax titniżżel.

- 35** L-għadd kbir ta' inizjattivi u d-diversi sorsi ta' finanzjament (il-**Figura 3**), jaf jagħmluha diffiċli għall-Kummissjoni biex tidentifika t-trikkib. Ir-riskju kkombinat ta' duplikazzjoni tal-isforzi u involviment fqir tal-partijiet ikkonċernati, speċjalment fejn ir-riżorsi huma limitati, jista' jillimita wkoll il-koerenza u l-impatt ġenerali tal-EBCP.
- 36** Aħna sibna eżempji ta' finanzjament għal żmien twil tal-EBCP għall-infrastruttura ewlenija. Pereżempju, l-Inizjattiva Ewropea biex Nifhmu l-Kanċer (**UNCAN.eu**) għandha "**pjan ta' sfruttament**" biex tara li żgur ikun hemm vijabbiltà u finanzjament għal żmien twil.
- 37** Madankollu, billi l-politika tas-saħħa taqa' taħt il-kompetenza tal-Istat Membru<sup>6</sup>, ħafna drabi huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu dwar il-passi li jmiss li jistgħu jittieħdu permezz ta' inizjattivi speċifiċi. Pereżempju, is-sostenibbiltà tal-applikazzjoni **smartCARE** (l-**inizjattiva ewlenija 8**) biex tgħin lis-superstiti tal-kanċer jieħdu ħsieb il-kura ta' segwitu, jew dik tan-**Network tal-UE ta' Ċentri Nazzjonali Komprensivi tal-Kanċer** (l-**inizjattiva ewlenija 5**), tiddependi mill-adozzjoni futura fuq livell nazzjonali u mill-finanzjament kontinwu, li t-tnejn li huma għadhom inċerti. Kif innota wkoll il-Parlament Ewropew fl-**istudju** tiegħu, l-applikazzjoni smartCARE għadha ma ġietx ippilotata u lanqas introdotta fuq skala kbira.

<sup>6</sup> L-Artikolu 168(1) TFUE.

**38** Mingħajr ma jkompli jsir progress lejn it-twettiq u l-adozzjoni fuq livell nazzjonali, u mingħajr pjanijiet ċari ta' sostenibbiltà għal żmien twil, hemm riskju li l-proġetti tal-EBCP jibqgħu proġetti pilota iżolati b'impatt limitat. Is-sostenibbiltà tal-għodod u l-prattiki ewlenin hija kritika għas-suċċess dejjiemi tal-EBCP.

## Minkejja l-azzjoni li ħadet l-UE, għad hemm inugwaljanzi tal-kanċer

**39** Wieħed mill-objettivi tal-EBCP huwa li jitnaqqsu l-inugwaljanzi tal-kanċer fl-UE. F'dak l-isfond, stennejna li l-Kummissjoni tkun qed tappoġġa l-isforzi biex jingħalqu l-lakuni u jġu indirizzati l-inugwaljanzi fil-prevenzjoni u l-kura tal-kanċer bejn l-Istati Membri u fi ħdanhom, billi:

- tippromwovi inizjattivi u proġetti mmirati lejn id-disparitajiet fil-kanċer u l-appoġġ lil pajjiżi, reġjuni u komunitajiet b'inqas għarfien u kapaċità;
- timmonitorja l-inugwaljanza tal-kanċer fl-UE kollha.

**40** Aħna vvalutajna jekk il-Kummissjoni użatx l-EBCP biex tippromwovi inizjattivi u proġetti nazzjonali u reġjonali biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi fil-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-kura tal-kanċer, u l-kwalità tal-ħajja tas-superstiti tal-kanċer. Analizzajna x-xejriet tad-*data* għal indikaturi magħżula dwar il-prevenzjoni tal-kanċer (tilqim kontra l-HPV) u l-identifikazzjoni bikrija (skrinjar tal-kanċer tas-sider) biex niddeterminaw jekk id-disparitajiet bejn l-Istati Membri u fi ħdanhom humiex qed jonqsu. Dwar dan is-suġġett intervistajna wkoll lill-awtoritajiet nazzjonali u lill-partijiet ikkonċernati.

**41** Sibna li l-inizjattivi ewlenin kollha kienu jinkludu fokus fuq l-identifikazzjoni u/jew l-indirizzar tal-inugwaljanzi fl-UE. Pereżempju, il-proġetti JANE u CRANE (**l-inizjattiva ewlenija 5**), u PCM4EU (**l-inizjattiva ewlenija 6**) qed jgħinu biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi fl-UE kollha billi jaqsmu l-għarfien u l-għarfien espert minn sptarijiet aktar avvanzati ma' dawk li għandhom inqas riżorsi jew kapaċitajiet. Skont [studju](#) tal-Parlament Ewropew, il-finanzjament mill-EBCP mhuwiex immirat b'mod proporzjonali lejn pajjiżi b'piżijiet ogħla tal-kanċer. B'hekk hemm riskju li d-disparitajiet jibqgħu jikbru.

**42** Il-Kummissjoni timmonitorja l-inugwaljanzi bejn l-Istati Membri taħt **l-inizjattiva ewlenija 9**, dwar ir-Reġistru Ewropew tal-Inugwaljanzi b'rabta mal-Kanċer (ECIR). F'kollaborazzjoni mal-OECD, hija ppubblikat profili tal-kanċer tal-pajjiżi fl-2023 u fl-2025. Fl-2025, l-OECD u l-UE introduċew il-[Cancer Performance Tracker](#), li jipprovdi stampa fil-bidu tal-prestazzjoni ta' kull Stat Membru (il-[Figura 5](#)) meta mqabbla mal-EU-27, b'xejriet maż-żmien jekk id-*data* tkun disponibbli.

## Illustrazzjoni 5 | Indikaturi tal-Cancer Performance Tracker




Sors: il-QEA, abbażi tar-Reġistru Ewropew tal-Inugwaljanzi b'rabta mal-Kanċer.

**43** Sibna li l-Cancer Performance Tracker tejjeb il-parametraġġ referenzjarju tal-prestazzjoni fuq il-prevenzjoni tal-kanċer, l-identifikazzjoni bikrija, il-mortalità, eċċ. fl-Istati Membri u fl-UE kollha. L-Istati Membri li żorna rawh bħala pass lejn kumparabbiltà u akkontabbiltà aħjar.

**44** Indikatur ewlieni għall-prevenzjoni ta' ċerti tipi ta' kanċer huwa r-rata tat-tilqim kontra l-HPV, li għaliha l-mira tal-EBCP hija ta' 90 % tal-bniet qabel l-età ta' 15-il sena sal-2030. L-Istati Membri kollha għandhom programmi ta' tilqim kontra l-HPV għall-bniet, u dan l-añhar inkludew tilqim għas-subien (il-Bulgarija kienet qed tippjana li żżidu fl-2025). Fl-UE kollha, bħala medja, 64 % tal-bniet ta' 15-il sena fl-2023 kienu tlaqqmu, u x-xejra kienet pożittiva mill-2013 'il hawn. Madankollu, ir-rati nazzjonali tat-tilqim varjaw minn 7 % fil-Bulgarija sa 91 % fil-Portugall, skont ir-rapport ta' [sinteżi tal-profili tal-kanċer tal-pajjiżi tal-UE tal-2025](#) (il-[Figura 6](#)). Ma ġiet irrappurtata l-ebda *data* dwar it-tilqim kontra l-HPV għal ħames Stati Membri: il-Kroazja, il-Greċja, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja. Barra minn hekk, fil-Bulgarija, l-Estonja u l-Latvja, 3 Stati Membri b'rati ta' tilqim taħt il-medja tal-UE, ix-xejra kienet negattiva matul l-10 snin sal-2023.

**Figura 6 | Ir-rati tat-tilqim HPV għall-bniet ta' 15-il sena fil-pajjiżi tal-UE meta mqabbla mal-medja tal-UE, 2023**



Sors: il-QEA, abbażi tar-rapport ta' [sinteżi tal-profili tal-kanċer tal-pajjiżi tal-UE tal-2025](#); mappa: l-Eurostat.

- 45** Il-*Kaxxa 4* turi eżempju ta' proġett tal-EBCP li l-għan tiegħu kien li jnaqqas l-inugwaljanzi fil-qasam tat-tilqim kontra l-HPV.

#### Kaxxa 4


##### Inizjattiva ewlenija 3 — Eżempju ta' proġett tal-EBCP dwar it-tilqim kontra l-HPV fir-Rumanija

Kif ġie nnutat fil-*Profil tal-Kanċer tal-Pajjiż tal-OECD/Kummissjoni għar-Rumanija 2025*, fl-2021, ir-Rumanija kellha livelli għoljin ħafna ta' inċidenza tal-kanċer ċervikali (kważi tliet darbiet aktar mill-medja tal-UE) u mortalità (tliet darbiet aktar mill-medja tal-UE).

Il-proġett *ReThinkHPVaccination* li ntemm f'Jannar 2025 (finanzjament mill-UE: EUR 0.5 miljun), ġie stabbilit biex inaqqas l-inugwaljanzi fit-tilqim kontra l-HPV permezz ta' komunikazzjoni u taħriġ. L-għan tiegħu kien li jgħin lir-Rumanija tqis mill-ġdid il-kampanji tagħha ta' tilqim kontra l-HPV permezz ta' strateġija ta' komunikazzjoni u involviment. Din kellha tkun ibbażata fuq gwida biex jiġu indirizzati l-aħbarijiet foloz, id-diżinformazzjoni u t-teoriji ta' komplott dwar it-tilqim kontra l-HPV, kif ukoll fuq programm edukattiv biex jittejjeb il-litteriżmu tat-tilqim kontra l-HPV f'żewġ reġjuni żvantaġġati.

- 46** L-identifikazzjoni bikrija tal-kanċer, permezz tal-iskrinjar u d-dijanjożi bikrija, ittejjeb bil-bosta l-possibiltajiet ta' trattament li jirnexxi. Il-mira tal-EBCP għall-iskrinjar tal-kanċer tas-sider hija li l-Istati Membri jaraw li dan ikun disponibbli żgur sal-2025 għal 90 % ta' dawk li jikkwalifikaw fl-UE. Skont l-*OECD*, fl-2022 ir-rata medja ta' parteċipazzjoni fl-iskrinjar tal-kanċer tas-sider fl-UE kienet ta' 56 % tal-popolazzjoni eliġibbli. Il-parteċipazzjoni kienet partikolarment għolja (aktar minn 75 %) fid-Danimarka, il-Finlandja, l-Iżvezja u s-Slovenja, iżda kienet taħt l-40 % fir-Rumanija, Ċipru, is-Slovakkja, l-Ungerija, il-Bulgarija, il-Latvja u l-Polonja (il-*Figura 7*). Aktar inkwetanti huwa li xi rati naqsu fil-perjodu ta' 10 snin li spiċċa fl-2022. Aktar minn nofs l-Istati Membri rrapportaw tnaqqis. Minn dawn, is-Slovakkja, l-Ungerija, Franza, il-Lussemburgu, il-Ġermanja u l-Italja kienu taħt il-medja tal-UE.

**Figura 7 | Rati ta' skrinjar tal-kanċer tas-sider għan-nisa ta' aktar minn 45 sena meta mqabbla mal-medja tal-UE, 2022**




Sors: il-QEA, abbażi tar-rapport ta' sinteżi tal-profilu tal-kanċer tal-pajjiżi tal-UE tal-2025; mappa: l-Eurostat.

**47** L-**inizjattiva ewlenija 4** tipproponi Skema ġdida ta' Skrinjar tal-Kanċer tal-UE, ibbażata fuq l-aġġornament tal-**linji gwida u l-iskema ta' assigurazzjoni tal-kwalità** li diġà jeżistu dwar il-kanċer tas-sider. Fl-2022, il-Kunsill irrakkomanda l-espansjoni tal-iskrinjar tal-kanċer tas-sider għan-nisa kollha ta' bejn il-45 u l-74 sena (il-grupp ta' età preċedenti kien bejn il-50 u d-69 sena). Il-kanċer tas-sider huwa indirizzat ukoll mill-**inizjattiva ewlenija 2**, li taħtha l-**Inizjattiva Ewropea dwar l-Immaġnijiet tal-Kanċer (EUCAIM)** tiġbor immaġnijiet u *data* klinika relatata għall-iżvilupp u l-ittestjar tal-intelliġenza artifiċjali (il-**Kaxxa 2**). Il-pjattaforma tinkludi **17-il sett ta' data dwar il-kanċer tas-sider** li jstgħu jiġu aċċessati minn esperti u prattikanti.

**48** L-ECIR jipprovdi firxa wiesgħa ta' *data* li biha jiġu identifikati x-xejriet, id-disparitajiet u l-inugwaljanzi bejn l-Istati Membri u r-reġjuni. Huwa strutturat madwar **tmien dimensjonijiet ta' inugwaljanza** kif jidher fil-**Figura 8**. Aħna ninnutaw li hemm **dimensjonijiet ta' inugwaljanza** addizzjonali, bħall-oriġini etnika u l-migrazzjoni li huma rilevanti għall-inugwaljanzi tal-kanċer, iżda li għalihom ma tinġabarx *data* rilevanti f'diversi pajjiżi tal-UE. L-ECIR jippubblika wkoll: profili tal-kanċer tal-pajjiżi, rapporti analitiċi dwar l-inugwaljanzi fil-prevenzjoni tal-kanċer u l-identifikazzjoni bikrija, kif ukoll skedi informattivi dwar l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi fil-mortalità mill-kanċer u diversi tipi ta' kanċer.

**Figura 8 | Dimensjonijiet ta' inugwaljanza**



Sors: il-QEA, abbażi tal-ECIR — ir-Reġistru Ewropew tal-Inugwaljanzi b'rabta mal-Kanċer.

**49** Identifikajna lakuni fid-*data* fl-ECIR. Is-sit elettroniku tal-ECIR għandu mapep li juru d-*data* **reġjonali** dwar il-mortalità mill-kanċer għal diversi siti elettroniċi speċifiċi tal-kanċer. Madankollu d-*data* l-oħra kollha dwar id-disparitajiet **reġjonali** hija aggregata fil-livell tal-pajjiż. *Data* addizzjonali dwar id-disparitajiet reġjonali hija pprovduta fir-**rapport ta' sinteżi tal-profilu tal-kanċer tal-pajjiżi tal-UE** — u fil-profilu tal-pajjiżi sottostanti — iżda għal xi Stati Membri biss (il-**Kaxxa 5**). Dan jista' jkun jew minħabba li l-Istati Membri jirappurtaw lakuni fid-*data* jew inkella minħabba limiti fid-*data* li l-istess Stati Membri jagħmlu disponibbli. Il-Kummissjoni biħsiebha tkompli tespandi l-ECIR u żżid *data* reġjonali kumparabbli hekk kif din issir disponibbli.

## Kaxxa 5

### Eżempji ta' disparitajiet reġjonali mogħtija fir-rapport ta' sinteżi tal-profil tal-kanċer tal-pajjiżi tal-UE għall-2025

Fl-Irlanda, l-individwi fir-reġjuni l-aktar fil-bżonn jiffaċċjaw, bħala medja, riskju ta' mortalità ta' 43 % ogħla fi żmien 5 snin wara dijanjożi tal-kanċer, mill-kontropartijiet tagħhom fir-reġjuni l-anqas fil-bżonn.

Hemm disparitajiet sinifikanti fid-distribuzzjoni ġeografika tal-onkologi (tobba tal-kanċer) fil-pajjiżi, b'mod partikolari bejn iż-żoni urbani u ż-żoni rurali. Il-pajjiżi li rrappurtaw din id-dispartità jinkludu l-Awstrija, il-Belġju, iċ-Ċekja, il-Greċja u l-Latvja. Fil-Greċja, id-densità tal-onkologi kliniċi tvarja b'fattur ta' kważi 10, minn 53 għal kull 1 000 000 persuna f'Attika urbana sa 5.6 fil-Peloponnese remota. Kważi żewġ terzi tal-isptarijiet u l-kliniki tal-onkoloġija huma kkonċentrati f'Ateni u f'Tessaloniki, u għalhekk il-pazjenti li jgħixu f'żoni rurali jiffaċċjaw sfidi sinifikanti biex jaċċessaw servizzi ta' dijanjożi, trattament u segwitu.

Sors: ir-rapport ta' sinteżi tal-profil tal-kanċer tal-pajjiżi tal-UE tal-2025.

- 50** Minkejja l-isforzi li saru permezz tal-ECIR biex tinġabar *data* dwar il-kanċer u jiġu enfasizzati d-disparitajiet, għad hemm inugwaljanzi sinifikanti, f'termini ta' prevenzjoni permezz tat-tilqim kontra l-HPV u l-identifikazzjoni bikrija permezz tal-iskrinjar tal-kanċer tas-sider. L-awtoritajiet Finlandiżi u Rumeni għamlu l-istess kumment matul iż-żjarat ta' informazzjoni li wettaqna: li għadhom jippersistu d-disparitajiet reġjonali fl-identifikazzjoni u t-trattament bikrija tal-kanċer. Nirrikonoxxu l-potenzjal tal-EBCP li jikkontribwixxi għall-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-inugwaljanzi tal-kanċer. Madankollu, fatturi barra mill-kontroll tal-EBCP għandhom rwol kruċjali fis-suċċess tiegħu. Dawn jinkludu deċiżjonijiet individwali għall-parteċipazzjoni fi programmi ta' prevenzjoni u skrinjar, kif ukoll differenzi fil-politiki, fil-proċeduri u fil-kapaċitajiet ta' twassil tas-servizzi nazzjonali tas-saħħa.

## Il-progress ġie segwit, iżda ma hemm l-ebda qafas tal-Kummissjoni biex jiġi vvalutat l-impatt tal-inizjattivi ffinanzjati


- 51** Fil-qasam tal-monitoraġġ, aħna stennejna li l-Kummissjoni tkun:
- qed issegwi l-progress tal-EBCP b'mod effettiv permezz ta' indikaturi tal-progress, pjanijiet ta' implimentazzjoni u rieżamijiet regolari;
  - fasslet indikaturi li kienu rilevanti u xierqa għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-kisbiet u l-impatt għal żmien twil tal-EBCP.
- 52** Aħna rrieżaminajna l-arranġamenti li saru għall-monitoraġġ tal-EBCP biex niddeterminaw jekk dawn kinux jinkludu taħlita xierqa ta' indikaturi (li jkopru l-inputs, l-outputs, ir-riżultati u l-impatt) għal valutazzjoni tal-impatt sħiħa. Intervistajna wkoll lill-persunal tal-Kummissjoni u eżaminajna pjanijiet direzzjonali, minuti tal-laqgħat, statistika dwar is-saħħa, u studji u rapporti li kienu rilevanti għall-monitoraġġ.
- 53** Biex timmonitorja l-progress fl-implimentazzjoni tal-EBCP, il-Kummissjoni pproduċiet [pjan direzzjonali](#) li jelenka l-azzjonijiet u s-subazzjonijiet kollha (*Annex II*), kif ukoll l-istadji importanti u r-riżultati tanġibbli ewlenin. Il-pjan direzzjonali kien ġie ppubblikat għall-ewwel darba fl-2021 u ġie aġġornat kull sena sal-2024. Huwa wera li l-azzjonijiet kollha tal-EBCP tnedew kif kien ippjanat. Għalkemm l-iskeda ta' żmien fil-pjan direzzjonali kopriet biss l-ewwel 5 snin ta' implimentazzjoni (mill-2021 sal-2025), diversi azzjonijiet jestendu sal-2030 (il-paragrafu [27](#)). Il-Kummissjoni infurmatna li qed tippjana li tippubblika l-pjan direzzjonali ta' Implimentazzjoni li jmiss fl-2026.
- 54** Fi Frar 2025, il-Kummissjoni ppubblikat [rieżami ta' nofs it-terminu tal-EBCP](#) li jkopri l-perjodu sa tmiem l-2024. Dan ir-rieżami kien ibbażat fuq studju estern li mmappja u evalwa l-implimentazzjoni tal-EBCP mill-2021 sal-2023 (il-*Kaxxa 6*). L-aġġornament ta' din l-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni attwali żied it-trasparenza dwar il-progress tal-EBCP.

## Kaxxa 6

### L-istudju tal-EBCP jenfasizza oqsma fejn tista' tittieħed aktar azzjoni

L-istudju kkonkluda li l-EBCP kien kiseb appoġġ mifrux għall-aproċċ komprensiv tiegħu, li kopra l-istadji kollha tal-perkors tal-kanċer, għalkemm ir-responsabbiltà aħħarija għall-azzjoni kienet f'idejn il-gvernijiet nazzjonali.


Minkejja l-isforzi li saru mill-UE u mill-Istati Membri biex inaqqsu l-inugwaljanzi, dawn tal-aħħar kienu għadhom evidenti, kemm bejn il-pajjiżi, ir-reġjuni u l-gruppi soċjoekonomiċi kif ukoll fl-istadji kollha tal-perkors tal-kanċer.



Sors: Study on mapping and evaluating the implementation of Europe's Beating Cancer Plan, pp. 8-9.

**55** Filwaqt li l-Kummissjoni qed twettaq traċċar tal-progress, ma għandha l-ebda sistema fis-seħħ li biha tivvaluta l-impatt tal-EBCP. L-istudju estern li jappoġġa r-rieżami ta' nofs it-terminu (il-paragrafu 54) ippropona li jitwaqqaf qafas ta' monitoraġġ b'indikaturi tal-output, tar-riżultati u tal-impatt għat-42 azzjoni u objettiv tal-EBCP, li jispeċifika l-unitajiet tal-kejl, is-sorsi tad-*data*, il-linji bażi u l-miri. Identifikajna xi nuqqasijiet fil-qafas propost (il-**Figura 9**). Barra minn hekk, l-istudju ma vvalutax bis-sħiħ id-disponibbiltà, il-kompletezza u l-kumparabbiltà tad-*data* meħtieġa għall-indikaturi proposti. Ir-**Rapport Speċjali tal-2022 dwar l-istatistika Ewropea** tagħna enfasizza b'mod simili dgħufijiet fid-*data* dwar is-saħħa — b'mod partikolari dwar il-kawżi tal-mewt — f'termini ta' preċiżjoni, puntwalità u tempestività. Fiż-żmien meta wettaqna l-awditu, il-Kummissjoni ddikjarat li bħalissa qed taħdem biex tiffinalizza l-qafas il-ġdid ta' monitoraġġ tal-EBCP.

**Figura 9 | Dgħufijiet fil-qafas ta' monitoraġġ propost tal-EBCP**



Sors: il-QEA.

**56** Mingħajr mekkaniżmu ddefinit b'mod ċar għat-traċċar tal-progress wara l-2025 u għall-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-EBCP, jaf ikun diffiċli li l-impatt tal-EBCP jiġi mmonitorjat b'mod koerenti u trasparenti għal żmien twil. Dan b'mod partikolari fir-rigward tal-azzjonijiet li se jkomplu sal-2030. Din l-inċertezza tillimita wkoll il-kapaċità tal-Kummissjoni li tevalwa jekk l-EBCP kisibx l-eżiti maħsuba tiegħu. Fi kwalunkwe każ, peress li l-impatt ta' kwalunkwe inizjattiva tal-UE dwar il-kanċer se jkun viżibbli biss fuq żmien twil, mhuwiex ċar meta l-aħjar li ssir evalwazzjoni tal-EBCP. In-nuqqas ta' data finali definittiva (il-paragrafu 27) u indikaturi komprensivi u rilevanti għall-azzjonijiet u l-oġettivi kollha huwa ostaklu biex: jiġi vvalutat b'mod adegwat il-progress, żgur ikun hemm akkontabbiltà, isiru aġġustamenti bbażati fuq l-evidenza għall-EBCP u, fl-aħħar nett, jiġi evalwat l-impatt ġenerali tiegħu.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Awla 1, li hija mmexxija minn Joëlle Elvinger, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu, fil-laqgħa tagħha tal-21 ta' Jannar 2026.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*



Tony Murphy  
*Il-President*


# Annessi

## Anness I – Dwar l-adwitu

### Il-kanċer fl-UE

- 01** Fl-UE, ħames persuni jiġu dijanjostikati bil-kanċer kull minuta, u fl-istess ħin aktar minn żewġ persuni jmutu mill-marda. Dan jagħmilha t-tieni kawża ewlenija tal-mewt. Peress li l-kanċer jaffettwa b'mod sproporzjonat lill-persuni akbar fl-età, it-tixjiħ tal-popolazzjonijiet ifisser li l-għadd ta' każijiet ġodda qed jiżdied mingħajr ma jaqta". Id-[dijanożijiet tal-kanċer](#) fil-pajjiżi tal-UE u tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera) huma mistennija li jiżdiedu b'19 % sal-2040, filwaqt li l-imwiet mill-kanċer huma mistennija li jiżdiedu b'27 %. Il-marda hija kkaratterizzata wkoll minn inugwaljanzi persistenti bejn l-Istati Membri fl-eżiti tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni bikrija, it-trattament u s-sopravivenza.

**Figura 1 |** Inċidenza u mortalità tal-kanċer fl-UE




Sors: il-QEA, abbażi ta' data mis-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar il-Kanċer.

**02** Madwar **nofs il-kanċers kollha huma wieħed minn erba' tipi prinċipali**: kolorettali, tal-pulmun, tal-prostata u tas-sider<sup>1</sup>. Ir-rati ta' mortalità mill-kanċer ivarjaw bil-bosta skont it-tip, iżda wkoll skont il-ġeneru: l-irġiel għandhom kważi 70 % aktar ċans li jmutu bil-kanċer milli n-nisa. Ir-rati ta' mortalità huma wkoll ħafna ogħla f'pajjiżi b'introjtu aktar baxx, kif ukoll fost persuni b'livelli aktar baxxi ta' edukazzjoni<sup>2</sup>. Il-**Figura 1** tqabbel ir-rati ta' inċidenza u mortalità għal tipi differenti ta' kanċer fl-irġiel u n-nisa.

<sup>1</sup> Is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar il-Kanċer.

<sup>2</sup> *Ibid.*

**Figura 2 | L-aktar tipi komuni ta' kanċer fl-UE, 2022**



Sors: il-QEA, abbażi ta' [data](#) tal-Kummissjoni Ewropea f'2022 [new cancer cases and cancer deaths on the rise in the EU](#) (Settembru 2023).

**03** L-objettiv tal-[Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer](#) (EBCP), li l-Kummissjoni Ewropea adottat fi Frar 2021 bħala parti mill-Unjoni Ewropea tas-Saħħa, huwa li jnaqqas il-piż tal-kanċer. Dan permezz ta' strategġija komprensiva li hija strutturata madwar 4 pilastri: il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni bikrija, id-dijanjożi u t-ttrattament, u l-kwalità tal-ħajja għall-pazjenti u s-superstiti tal-kanċer. L-EBCP jippromwovi wkoll ir-riċerka u l-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, il-kondiviżjoni tad-*data* u s-sinerġiji ma' politiki oħra tal-UE u politiki nazzjonali.

## Qafas ta' politika u arranġamenti ta' governanza għall-EBCP

- 04** L-EBCP huwa l-istrateġija ewlenija tal-UE fil-ġlieda kontra l-kanċer. Huwa bena fuq dokumenti strateġiċi preċedenti tal-UE, u espanda fuq il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom (it-[Tabella 1](#)).

**Tabella 1 | Inizjattivi prinċipali tal-UE dwar il-kanċer u oqsma ta' intervent**

Pjan ta' Azzjoni 1987–1989	Pjan ta' Azzjoni 1990–1994	Sħubija 2009–2013	EBCP 2021
Il-prevenzjoni tal-kanċer, inkluża l-identifikazzjoni bikrija	Il-prevenzjoni tal-kanċer, inkluż l-iskrinjar	Il-promozzjoni tas-saħħa u l-identifikazzjoni bikrija	Prevenzjoni
Informazzjoni u edukazzjoni dwar is-saħħa fil-prevenzjoni tal-kanċer	Informazzjoni u edukazzjoni dwar is-saħħa	Identifikazzjoni u tixrid ta' prattika tajba	Identifikazzjoni bikrija
Taħriġ għall-professjonisti tas-saħħa	Taħriġ għall-professjonisti tas-saħħa	Il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fir-riċerka dwar il-kanċer	Dijanjożi u trattament
Riċerka dwar il-kanċer	Ir-riċerka u l-kanċer	Proċess ta' parametraġġ referenzjarju	Kwalità tal-ħajja tal-pazjenti u s-superstiti tal-kanċer
			Teknoloġji ġodda, riċerka u innovazzjoni
			Inugwaljanzi fil-kanċer
			Il-kanċer fit-tfulija

Sors: il-programm “L-Ewropa kontra l-kanċer”: pjan t’azzjoni 1987–1989; il-programm “L-Ewropa kontra l-kanċer”: pjan t’azzjoni 1990–1994; is-Sħubija Ewropea għall-Azzjoni Kontra l-Kanċer 2009–2013; il-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer 2021.

- 05** L-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiddikjara li r-responsabbiltà għad-definizzjoni tal-politiki dwar is-saħħa u għall-organizzazzjoni u l-forniment ta' servizzi tas-saħħa u kura medika, inkluża l-allokazzjoni ta' riżorsi, hija f'idejn l-Istati Membri. Ir-rwol tal-UE, għalhekk, huwa li tappoġġa u tikkomplementa l-azzjoni meħuda mill-Istati Membri. F'dan il-kuntest, fi ħdan il-Kummissjoni:
- id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari (DG SANTE), bħala d-DG ewlieni għall-inizjattivi tas-saħħa tal-UE, jissorvelja [programm l-UE għas-Saħħa](#), jikkoordina l-fasla u l-implimentazzjoni tal-EBCP, u jsegwi l-progress ġenerali tiegħu;
  - id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (DG RTD) jissorvelja Orizzont Ewropa, li jappoġġa inizjattivi taħt l-EBCP;
  - id-Direttorat Ġenerali għan-Networks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija (DG CNECT) jimmaniġġja l-[programm Ewropa Diġitali](#), li bl-istess mod jappoġġa inizjattivi taħt l-EBCP;
  - iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) tal-Kummissjoni jissorvelja l-iżvilupp ta' linji gwida dwar il-prattika klinika għall-prevenzjoni primarja, l-iskrinjar u d-dijanjożi, flimkien ma' skema ta' assigurazzjoni tal-kwalità għas-servizzi tal-kanċer tul il-perkors kollu tal-kura tas-saħħa, biex jappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' skrinjar ta' kwalità għolja u kura ta' segwitu;
  - l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali (HaDEA) timplimenta l-programm l-UE għas-Saħħa, ir-Raggruppament 1 ta' Orizzont Ewropa (li huwa relatat mas-saħħa) u partijiet mill-Programm Ewropa Diġitali.
- 06** Barra minn hekk, fil-Kummissjoni, **grupp ta' implimentazzjoni** kopresedut mid-DG SANTE u d-DG RTD, b'rappreżentanti minn DG rilevanti oħra, jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-EBCP u l-[Horizon Cancer Mission](#). L-Istati Membri jipparteċipaw permezz ta' **sottogrupp esperti dwar il-kanċer**, li għandu rwol konsultattiv iżda l-ebda setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet.
- 07** Partijiet ikkonċernati oħra huma involuti fi **grupp ta' kuntatt tal-EBCP** li jlaqqa' flimkien gruppi ta' pazjenti, organizzazzjonijiet ta' professjonisti tas-saħħa, rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u l-industrija. Il-grupp tal-partijiet ikkonċernati huwa forum għad-diskussjoni u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar suġġetti u azzjonijiet speċifiċi stabbiliti fl-EBCP u l-Horizon Cancer Mission.

## Objettiv, ambitu u approċċ tal-awditjar

- 08** L-objettiv ta' dan l-awditu kien li jivvaluta l-effettività tal-EBCP b'halha rispons tal-UE kollha fil-ġlieda kontra l-kanċer. B'mod speċifiku, ħarisna lejn il-fasla tal-EBCP u kif tiġi mmonitorjata. Eżaminajna wkoll kemm l-inizjattivi u l-proġetti huma mqabbla tajjeb mal-objettivi tal-EBCP, u l-ħtiġijiet tal-Istati Membri, u jekk jidhru li huma sostenibbli. Aħna bbażajna l-kriterji tal-awditjar tagħna fuq rekwiżiti regolatorji, dokumenti ta' strateġija tal-Kummissjoni, u standards iddefiniti mill-awditur.
- 09** B'dan il-mod, iffukajna fuq l-10 inizjattivi ewlenin matul il-perjodu 2021–2025, filwaqt li ħarisna lejn ir-riżultati u l-kontribut għall-objettivi tal-EBCP ta' proġetti li kienu lesti, jew li fil-biċċa l-kbira kienu lesti, sa tmiem l-2024. Inkludejna proġetti ffinanzjati mill-programmi l-UE għas-Saħħa, Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali, li flimkien ikkontribwew EUR 3.5 biljun għall-baġit tal-EBCP. Għal Orizzont, eskludejna dawk iffinanzjati mill-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija jew mill-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie, li l-ebda waħda minnhom ma kellha sejħiet speċifiċi attwali għal proġetti tal-kanċer fiż-żmien meta wettaqna l-awditu. Lanqas ma ħarisna lejn l-ammont żgħir (inqas minn EUR 9 miljun) tal-finanzjament mill-Erasmus+ għall-proġetti tal-kanċer.
- 10** L-approċċ tal-awditjar tagħna għaqqad l-analiżi mhux fuq il-post tad-dokumentazzjoni rilevanti flimkien ma' intervisti, analiżi tad-*data* u xogħol fuq il-post:
- rieżami tad-dokumenti, l-istudji, l-istħarriġ u r-rapporti tal-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra l-kanċer, appoġġati minn intervisti mal-persunal tal-Kummissjoni;
  - laqgħat mas-sħab ta' implimentazzjoni tal-EBCP, inklużi l-HaDEA u l-JRC, u mal-partijiet ikkonċernati (organizzazzjonijiet mhux governattivi, riċerkaturi u organizzazzjonijiet tal-pazjenti);
  - żjarat ta' informazzjoni fil-Finlandja u r-Rumanija (pajjiżi f'partijiet differenti tal-Ewropa li għażilna minħabba li t-tnejn li huma pparteċipaw b'mod attiv fi proġetti iżda juru livelli differenti ta' progress fil-ġlieda kontra l-kanċer) biex niksbu fehim approfondit tal-isfidi li qed jiffaċċjaw l-Istati Membri, kif l-EBCP jista' jgħin biex jiġu indirizzati dawk l-isfidi u kif ikkomplementa l-isforzi nazzjonali f'dan il-qasam;
  - rieżami tal-10 inizjattivi ewlenin, kif ukoll 15-il proġett fil-Finlandja u fir-Rumanija li għażilna minħabba li kienu fi stat avanzat ta' implimentazzjoni u minħabba li koprew varjetà ta' inizjattivi ewlenin.

## Anness II – Lista sħiħa tal-azzjonijiet tal-EBCP

	AZZJONI	SKEDA TA' ŻMIEN GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI
<b>APPROĊĊ MODERN GĦALL-KANĊER: TEKNOLOĠIJI ĠODDA, RIĊERKA U INNOVAZZJONI GĦAS-SERVIZZ TA' PREVENZJONI U KURA TAL-KANĊER IĊĊENTRATI FUQ IL-PAZJENT</b>		
1	<b>Inizjattiva Ewlenija:</b> Jinħoloq "Ċentru tal-Għarfien dwar il-Kanċer" biex tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni ta' inizjattivi xjentifiċi u tekniċi relatati mal-kanċer fil-livell tal-UE.	2021
2	<b>Inizjattiva Ewlenija:</b> Titnieda "Inizjattiva Ewropea dwar l-Immaġnijiet tal-Kanċer" biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' għodod ġodda megħjuna mill-kompjuter biex jittejjbu l-mediċini personalizzati u s-soluzzjonijiet innovattivi.	2022
3	Azzjonijiet li jappoġġaw il-prevenzjoni u l-kura tal-kanċer permezz ta' riċerka ġdida dwar il-kanċer u permezz ta' ekosistema innovattiva:  (1) Tippermetti lill-pazjenti bil-kanċer jaċċessaw u jikkondividu b'mod sikur rekords elettroniċi tas-saħħa għall-prevenzjoni u għat-trattament minn fruntiera għal oħra permezz tal-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa;  (2) Tiżviluppa repożitorju ta' tewmin diġitali fil-kura tas-saħħa, inkluż għal trattament aktar individwali tal-kanċer;  (3) Tespandi s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar il-Kanċer;  (4) Tniedi s-šhubijiet ta' Orizzont Ewropa: l-Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva u s-Šhubija dwar it-Trasformazzjoni tas-Sistemi tas-Saħħa u tal-Kura.	2021–2025
<b>INSALVAW IL-ĦAJJIET PERMEZZ TAL-PREVENZJONI SOSTENIBBLI TAL-KANĊER</b>		
4	<b>Inizjattiva Ewlenija:</b> Jitlaqqmu mill-inqas 90 % tal-popolazzjoni fil-mira tal-bniet tal-UE u jżied b'mod sinifikanti t-tilqim tas-subien u l-investment fl-infrastrutturi relatati biex infittxu neliminaw il-kanċers ikkawżati mill-papillomavirus uman.	2021–2030
<i>It-titjib tal-litteriżmu fis-saħħa rigward ir-riskji u l-fatturi determinanti tal-kanċer</i>		
5	Taġġorna u ssaħħaħ l-implimentazzjoni tal-Kodiċi Ewropew Kontra l-Kanċer:  (1) Tiżviluppa u tniedi l-"Applikazzjoni Mobbli tal-UE għall-Prevenzjoni tal-Kanċer";  (2) Tappoġġa l-proġett "Litteriżmu fis-Saħħa għall-Prevenzjoni u l-Kura tal-Kanċer".	2021–2025

	<b>AZZJONI</b>	<b>SKEDA TA' ŻMIEN GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI</b>
<i>Il-kisba ta' Ewropa ħielsa mit-Tabakk</i>		
6	<p>Tinĥoloq “Ġenerazzjoni Ħielsa mit-Tabakk”: bir-reviżjoni ta’</p> <p>(1) id-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk;</p> <p>(2) id-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq it-Tabakk; u</p> <p>(3) il-qafas legali dwar ix-xiri transfruntier tat-tabakk minn individwi privati fid-dawl ta’ proposti leġiżlattivi; u</p> <p>(4) Taġġorna r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ambjenti mingħajr duħħan;</p> <p>(5) Tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni sħiħa tal-Konvenzjoni ta’ Qafas dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk.</p>	2021–2025
<i>It-tnaqqis tal-konsum tal-alkoħol li jagħmel il-ħsara</i>		
7	<p>Jingħata appoġġ intensifikat tal-UE lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati bl-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki u l-bini tal-kapaċità biex titnaqqas il-ħsara relatata mal-alkoħol:</p> <p>(1) Jitwettagh rieżami tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-tassazzjoni fuq l-alkoħol u x-xiri transfruntier tal-prodotti tal-alkoħol;</p> <p>(2) Proposta għat-tikkettar obligatorju tal-lista tal-ingredjenti u d-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni fuq it-tikketta tax-xorb alkoħoliku, kif ukoll it-twissijiet tas-saħħa;</p> <p>(3) Jingħata appoġġ lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta’ interventi qosra bbażati fuq l-evidenza;</p> <p>(4) Jitnaqqas l-esponiment taż-żgħażaġh għall-kummerċjalizzazzjoni online tax-xorb alkoħoliku permezz tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva.</p>	2021–2025
<i>It-titjib tal-promozzjoni tas-saħħa permezz tal-aċċess għal dieti tajbin għas-saħħa u attivitaj fiżika</i>		
8	<p>(1) Rieżami tal-iskema tal-UE għall-frott, il-ħxejjex u l-ħalib fl-iskejjel;</p> <p>(2) Proposta għal tikkettar dwar in-nutrizzjoni mandatorju fuq il-parti ta’ quddiem tal-pakkett;</p> <p>(3) Rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMSD) inklużi dawk dwar il-komunikazzjonijiet kummerċjali dwar l-ikel u x-xorb li mhumiex tajbin għas-saħħa;</p> <p>(4) Tiġi żviluppata u implimentata gwida għall-kodiċi ta’ prattika dwar it-tnaqqis tal-kummerċjalizzazzjoni ta’ ikel mhux tajjeb għas-saħħa lit-tfal, inkluża l-kummerċjalizzazzjoni online permezz tad-dispożizzjonijiet tal-AVMSD u Azzjoni Konġunta tal-aħjar prattiki fin-nutrizzjoni (“Best ReMap”);</p> <p>(5) Pubblikazzjoni ta’ studju li jimmapja l-miżuri fiskali u l-politiki ta’ pprezzar għaż-zokkor, is-soft drinks u x-xorb alkoħoliku.</p>	2021–2025
9	<p>Aktar tnaqqis tal-preżenza ta’ kontaminanti karċinoġeniċi fl-ikel billi jiġu stabbiliti limiti ta’ livell massimu għal aktar minn dawn il-kontaminanti.</p>	2021–2025

	<b>AZZJONI</b>	<b>SKEDA TA' ŻMIEN GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI</b>
10	(1) Appoġġ lil HealthyLifestyle4All għall-promozzjoni ta' stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa għall-ġenerazzjonijiet kollha; (2) Inizjattivi taħt il-Gwida dwar l-Ippjanar tal-Mobbiltà Urbana Sostenibbli dwar il-kollegament tat-trasport u s-saħħa; (3) Reviżjoni tal-Pakkett tal-Mobbiltà Urbana biex jiġu promossi u appoġġati t-trasport u l-mobbiltà sostenibbli u b'saħħithom.	2021–2023
<i>It-tnaqqis tat-tniġġis ambjentali</i>		
11	Allinjament aktar mill-qrib tal-istandards tal-kwalità tal-arja tal-UE mal-linji gwida tad-WHO.	2021–2023
12	Miżuri lejn il-mobbiltà mingħajr emissjonijiet u t-tnaqqis tat-tniġġis ambjentali mit-trasport skont l-Istrateġija ta' Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti.	2021–2025
<i>It-tnaqqis tal-esponiment għal sustanzi perikolużi u għar-radjazzjoni</i>		
13	Jiġi adottat Qafas Strateġiku ġdid dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali 2021–2027.	2021–2027
14	Jitnaqqas l-esponiment tal-ħaddiema għal sustanzi karċinoġeniċi permezz tal-emendi tad-Direttiva dwar il-Karċinoġeni u l-Mutaġeni.	2021–2025
15	Jiġu riveduti l-limiti tal-UE għall-asbestos biex ikompli jitnaqqas l-esponiment tal-ħaddiema.	2022–2024
16	Jitwettag stħarriġ dwar l-esponiment tal-ħaddiema għall-fatturi ta' riskju għall-kanċer.	2021–2024
17	Jingħata appoġġ lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill dwar il-protezzjoni mir-radjazzjoni jonizzanti, b'mod partikolari mir-Radon.	2021–2025
18	Jiġu esplorati miżuri biex jipprevienu l-esponiment għar-radjazzjoni ultravjola inkluż mis-sodod għat-tixmix.	2023
19	Titnieda Sħubija dwar il-Valutazzjoni tar-Riskji mis-Sustanzi Kimiċi ta' Orizzont Ewropa biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-UE għall-valutazzjoni tar-riskju kimiku.	2021–2025
<i>Il-prevenzjoni ta' kanċers ikkawżati minn infezzjonijiet</i>		
20	(1) Jitnaqqas il-kanċer tal-fwied ikkawżat mill-virus tal-Epatite B (permezz ta' tilqim u investiment f'infrastrutturi relatati) u l-prevenzjoni tal-kanċer tal-fwied ikkawżat mill-virus tal-Epatite C u l-kanċer tal-istonku kkawżat mill- <i>Helicobacter pylori</i> (permezz ta' trattament b'mediċini antivirali u kontra l-mikrobi rispettivament); (2) Tiġi proposta Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar kanċers li jstgħu jiġu evitati bil-vaċċini.	2021–2030

	AZZJONI	SKEDA TA' ŻMIEN GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI
<b>IT-TITJIB FL-IDENTIFIKAZZJONI BIKRIJA TAL-KANĊER</b>		
21	<p><b>Inizjattiva Ewlenija:</b> "Skema tal-UE għall-Iskrinjar tal-Kanċer" ġdida:</p> <p>(1) Ir-Rieżami tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iskrinjar għall-kanċer, inkluż l-aġġornament tagħha u l-proposta għal estensjoni possibbli għal kanċers oħrajn;</p> <p>(2) Inizjattiva Ewropea dwar it-Teħid ta' Immaġnijiet tal-Kanċer li tappoġġa l-iżvilupp ta' għodod ġodda megħjuna mill-kompjuter biex jittejjbu l-mediċini personalizzati u s-soluzzjonijiet innovattivi;</p> <p>(3) L-iżvilupp ta' Linji gwida u skemi dwar il-Garanziji ta tal-Kwalità rigward l-iskrinjar, id-dijanjosji, it-trattament, ir-riabilitazzjoni, il-kura ta' segwitu u l-kura palljativa tal-kanċer għall-kanċer kolorettali u ċervikali, u l-aġġornament tal-linji gwida eżistenti rigward il-kanċer tas-sider, inkluż il-programm ta' akkreditazzjoni/ċertifikazzjoni.</p>	2021–2025
22	Tiġi aġġornata s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar il-Kanċer biex tissorvelja u tivvaluta l-programmi tal-iskrinjar tal-kanċer.	2021–2022
<b>L-IŻGURAR TA' STANDARDS GĦOLJIN FIL-KURA TAL-KANĊER</b>		
23	<p><b>Inizjattiva Ewlenija:</b></p> <p>(1) Toħloq "Ċentru/i Nazzjonali Komprensiv(i) tal-Kanċer" fl-Istati Membri kollha u n-network tal-UE sal-2025;</p> <p>(2) Networks ta' Referenza Ġodda tal-kanċer dwar il-kanċer u l-kundizzjonijiet tal-kanċer flimkien mal-erba' NRE eżistenti;</p> <p>(3) Il-proġett tal-kanċer tal-UE "Immappjar Diġitali tal-Kapaċità u l-Ħila tat-Trattament".</p>	2021–2025
24	<b>Inizjattiva Ewlenija:</b> L-inizjattiva "Dijanjosjika u Trattament tal-Kanċer għal Kulħadd" biex jittejjeb l-aċċess għal dijanjożi u trattamenti innovattivi tal-kanċer.	2021–2025
25	<b>Inizjattiva Ewlenija:</b> Titnieda l-Inizjattiva Ewropea biex Nifhmu l-Kanċer (UNCAN.eu).	2021–2025
26	Tiġi appoġġata l-"Forza tax-xogħol tal-Kanċer", permezz tal-programm "Taħriġ interspeċjalizzat".	2021–2030
27	Tinħoloq "Pjattaforma tal-UE biex jittejjeb l-aċċess għall-mediċini tal-kanċer" biex jingħata appoġġ għall-użu mill-ġdid ta' molekuli eżistenti b'dimensjoni armonizzata u sostenibbli tal-UE.	2021–2025
28	Jiġi implimentat il-qafas legali għall-provi kliniċi.	2021–2022
29	Jiġi adottat ir-Regolament dwar il-"Valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa".	2021
30	Jiġi ppreżentat il-pjan ta' Azzjoni SAMIRA biex jiżgura l-kwalità u s-sikurezza tat-teknoloġija tar-radjazzjoni u l-provvista ta' isotopi radjuattivi ta' importanza medika għad-dijanjożi u t-trattament.	2021–2025

	AZZJONI	SKEDA TA' ŻMIEN GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI
31	(1) Titwaqqaf Sħubija dwar il-Mediċina Personalizzata biex jiġu identifikati l-prijoritajiet għar-riċerka u l-edukazzjoni fil-mediċina personalizzata, biex jiġu appoġġati l-proġetti tar-riċerka rilevanti għall-prevenzjoni, id-dijanjożi u t-trattament tal-kanċer; (2) Jiġi żviluppat pjan direzzjonali lejn il-prevenzjoni personalizzata.	2023–2025
32	Jitnieda l-proġett “Ġenomika għas-Saħħa Pubblika” flimkien mal-Inizjattiva ta’ 1+ Miljun Ġenomi, biex jiġi żgurat l-aċċess għal ammonti kbar ta’ <i>data</i> ġenomika għar-riċerka, il-prevenzjoni u l-mediċina personalizzata.	2021–2025
33	(1) Jitnieda proġett ġdid li juża Computing ta’ Prestazzjoni Għolja biex jittestja b’mod rapidu l-molekuli eżistenti u l-kombinazzjonijiet ta’ mediċini ġodda; (2) Jingħata appoġġ għal proġetti kollaborattivi dwar id-dijanjożi u t-trattament tal-kanċer permezz ta’ Computing ta’ Prestazzjoni Għolja u l-IA; (3) Tingħata assistenza lir-riċerkaturi li jaħdmu fuq trattamenti personalizzati tal-kanċer permezz ta’ appoġġ imfassal apposta u pjattaformi diġitali ġodda.	2021–2027

**IT-TITJIB TAL-KWALITÀ TAL-ĦAJJA GĦALL-PAZJENTI BIL-KANĊER, GĦAS-SUPERSTITI U GĦALL-PERSUNI  
LI JINDUKRAWHOM**

34	<b>Inizjattiva Ewlenija:</b> L-inizjattiva “Ħajja aħjar għall-pazjenti bil-kanċer”: (1) Tinħoloq “Kard Intelliġenti tas-Superstiti tal-Kanċer imfassla apposta”; (2) Jinħoloq “Ċentru Diġitali Ewropew għall-Pazjenti bil-Kanċer” li jappoġġa l-iskambju tad- <i>data</i> tal-pazjenti u l-monitoraġġ tal-kundizzjoni tas-saħħa tas-superstiti.	2021–2023 2023–2030
35	Jiġi indirizzat l-aċċess ġust għas-servizzi finanzjarji għas-superstiti tal-kanċer permezz tal-iżvilupp ta’ Kodiċi ta’ Kondotta u proċess ta’ riflessjoni dwar is-soluzzjonijiet fit-tul.	2021–2023
36	(1) Jitnieda studju li jindirizza l-kwistjonijiet marbuta mar-ritorn għax-xogħol; (2) Jiġu indirizzati fi fhdan l-Istrateġija dwar id-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżabbiltà 2021–2030 id-drittijiet tal-pazjenti bil-kanċer u s-superstiti li huma kkunsidrati bħala persuni b’diżabbiltà; (3) Tiġi żgurata l-implimentazzjoni bis-sħiħ tad-Direttiva dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u l-persuni li jindukraw.	2021–2022

	AZZJONI	SKEDA TA' ŻMIEN GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI
<b>IT-TNAQQIS TAL-INUGWALJANZI TAL-KANĊER MADWAR L-UE</b>		
37	<b>Inizjattiva Ewlenija:</b> Jiġi stabbilit Regjistru tal-Inugwaljanzi tal-Kanċer biex jiġu identifikati l-inugwaljanzi bejn l-Istati Membri u r-reġjuni.	2021–2022
38	(1) Tissaħħaħ is-saħħa elettronika, it-telemediċina u s-sistemi ta' monitoraġġ mill-bogħod; (2) jiġi promoss il-mudell ta' konsultazzjonijiet virtwali tan-NRE.	2021–2023
39	Tittejjeb ir-reżiljenza, l-aċċessibbiltà u l-effettività tas-sistemi tas-saħħa tal-UE biex jiġi ssalvagwardjat il-forniment tal-kura tal-kanċer fi kriżijiet futuri tas-saħħa.	2021–2025
40	Integrazzjoni tal-azzjoni ta' ugwaljanza fl-oqsma indirizzati mill-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer bħall-iskrinjar u l-kura tal-kanċer ta' kwalità għolja.	2021–2025
<b>NAGĦTU ATTENZJONI PARTIKOLARI LILL-KANĊER FIT-TFULIJA</b>		
41	<b>Inizjattiva Ewlenija:</b> "Inizjattiva ta' Għajnuna għat-Tfal bil-Kanċer": Jinħoloq "Network tal-UE għas-Superstiti Żgħażaġħ tal-Kanċer".	2021–2023
42	Jitnieda l-proġett "Il-kanċers fit-tfal u l-kanċers fl-adolessenti u fl-adulti żgħażaġħ: ikkura aktar u kkura aħjar" biex tingħata spinta lit-trasformazzjoni tal-kura tal-kanċer pedjatriku.	2022–2025

Sors: l-Anness għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-EBCP.

## Abbrejjazzjonijiet

Abbrejjazzjoni	Definizzjoni/Spjegazzjoni
EBCP	Pjan tal-Ewropa biex jingħeleb il-kanċer
ECIR	Reġistru Ewropew tal-Inugwaljanzi b'rabta mal-Kanċer
HPV	Papillomavirus uman
OECD	Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi

## Glossarju

Terminu	Definizzjoni/Spjegazzjoni
<b>Ċentru Konġunt tar-Riċerka</b>	Is-servizz tal-Kummissjoni għax-xjenza u l-għarfien, li jipprovdi pariri xjentifiċi u appoġġ għall-politika tal-UE.
<b>Impatt</b>	Il-konsegwenzi, għal żmien twil, ta' proġett jew ta' programm li jkun tlesta. Dawn il-konsegwenzi jistgħu jkunu soċjoekonomiċi, ambjentali jew finanzjarji.
<b>Indikatur</b>	Informazzjoni li tintuża għall-kejl jew għall-valutazzjoni ta' aspett tal-prestazzjoni.
<b>Input</b>	Mezzi finanzjarji, umani, materjali, amministrattivi jew regolatorji li jintużaw għall-implimentazzjoni ta' proġett jew ta' programm.
<b>Kodiċi Ewropew kontra l-Kanċer</b>	Sett ta' rakkomandazzjonijiet żviluppati mill-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer, fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea, biex tinforma lill-pubbliku u tagħti pariri lil dawk li jfasslu l-politika fl-UE dwar modi kif jitnaqqas ir-riskju tal-kanċer.
<b>Orizzont Ewropa</b>	Il-programm tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni għall-perjodu 2021–2027.
<b>Output</b>	Dak li jiġi prodott jew li jinkiseb minn proġett, bħall-għoti ta' kors ta' taħriġ jew il-kostruzzjoni ta' triq.
<b>Papillomavirus uman</b>	Virus, li jinfirx faċilment permezz ta' kuntatt sesswali, li jaf jikkawża ċerti tipi ta' kanċer.
<b>Qafas finanzjarju pluriennali</b>	Il-pjan ta' nfiq tal-UE li jstabbilixxi prijoritajiet (abbażi tal-oġġettivi ta' politika) u limiti massimi, taħt seba' intestaturi prinċipali, ġeneralment għal 7 snin. Jipprovdi l-istruttura li fi ħdanha jiġu stabbiliti l-baġits annwali tal-UE, u jillimita l-ammont li jintefaq għal kull kategorija ta' nefqa.
<b>Riżultat</b>	L-effett immedjat ta' proġett jew programm malli dan jitlesta, bħat-titjib fl-impjegabbiltà tal-parteċipanti f'kors jew it-titjib fl-aċċessibbiltà wara l-kostruzzjoni ta' triq ġdida.

## Risposti tal-Kummissjoni

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2026-07>

## Kronoloġija

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2026-07>

## Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma baġitarji speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla I tal-Awditjar — Użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, li hija mmexxija minn Joëlle Elvinger, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Klaus-Heiner Lehne, Membru tal-QEA, li ngħata appoġġ minn Thomas Arntz, Kap tal-Kabinett u Marc-Oliver Heidkamp, Attaché tal-Kabinett; Ramona Bortnowschi, Maniġer Prinċipali; Aris Konstantinidis, Kap tal-Kompitu; Michela Lanzutti, Marie Elgersma u Anca Florinela Cristescu, Awdituri. Thomas Everett ipprovda appoġġ lingwistiku. Dunja Weibel ipprovdiet appoġġ grafiku.



*Mix-xellug għal-lemin:* Ramona Bortnowschi, Marc-Oliver Heidkamp, Klaus-Heiner Lehne, Marie Elgersma, Aris Konstantinidis, Thomas Arntz.

# DRITTIJIET TAL-AWTUR

© Unjoni Ewropea, 2026

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-[Deċiżjoni Nru 6–19 tal-QEA](#) dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-[liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International \(CC BY 4.0\)](#). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb tali permess, dan għandu jikkanċella u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Għal użu jew riproduzzjoni ta' kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jaf ikun meħtieġ li jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Ritratt tal-qoxra: © Valerii Apetroaiei — [stock.adobe.com](#).

Il-Figuri 2, 8, il-figura fil-Kaxxa 6, l-Anness I, il-Figura 1, — Ikoni: Dawn il-figuri tfasslu bl-użu ta' riżorsi mingħand [Flaticon.com](#). © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha riservati.

Il-Figuri 6 u 7 — mapep: l-[Eurostat](#).

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinni rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti elettroniċi istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju [europa.eu](#), tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuqhom, dawn, inti m'ħeġġeġ taqra l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

## Użu tal-logo tal-QEA

Ma jstax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

HTML	ISBN 978-92-849-6559-5	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/7311637	QJ-01-26-002-MT-Q
PDF	ISBN 978-92-849-6560-1	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/7426384	QJ-01-26-002-MT-N

## KIF TIKKWOTA

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-[Rapport Speċjali 07/2026](#) “Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer — Pjan b’firxa wiesgħa li qed jiffaċċja futur inċert”, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2026.

Kull sena, il-kanċer jikkawża kważi 1.1 miljun mewta u jiġġenera aktar minn EUR 100 biljun f'kostijiet fl-UE. Ir-rispons l-aktar reċenti tal-Kummissjoni huwa l-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer (EBCP), inizjattiva li tiswa EUR 4 biljun. Il-Pjan tnieda fl-2021 u jkopri l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni bikrija, il-kura tal-kanċer, u l-kwalità tal-ħajja. F'dan l-awditu, eżaminajna jekk l-EBCP huwiex rispons effettiv għall-UE kollha. Ħarisna lejn il-fasla u lejn l-arranġamenti ta' implimentazzjoni, sostenibbiltà u monitoraġġ tiegħu. Iffukjana b'mod partikolari fuq l-inugwaljanzi fil-kanċer. Sibna li jappoġġa l-koordinazzjoni fost l-Istati Membri, iżda l-effettività tiegħu jaf tkun kompromessa minħabba inizjattivi li jirkbu fuq xulxin, tħassib dwar is-sostenibbiltà, dgħufijiet fil-monitoraġġ u prospettiva inċerta wara l-2027. Nirrakkommandaw li l-Kummissjoni taġġusta l-inizjattivi ewlenin tal-EBCP u ssaħħaħ il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni li twettaq fuqu.

*Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.*



QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet  
tal-Unjoni Ewropea

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI  
12, rue Alcide De Gasperi  
1615 Luxembourg  
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: [eca.europa.eu/mt/contact](https://eca.europa.eu/mt/contact)  
Sit web: [eca.europa.eu](https://eca.europa.eu)  
Media soċjali: @EUauditors